**299. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, l-Onor. Wistin Abela, jipproponi:**

Illi billi skont l-Artiklu 23 (3) tal-Att tal-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, b'seħħ mis-sena 1985, u f'intervalli ta' ħames snin wara, il-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għandu jagħmel proposti dwar x'għandu jsir mill-bilanċ ta' debitu jew kreditu fil-Kont ta' Rivalutazzjoni fl-aħħar tas-sena ta' qabel u għandu jieħu ħsieb li dawk il-proposti jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati mhux aktar tard mill-ewwel seduta tal-Kamra wara t-30 ta' April tas-sena li fiha jsiru l-proposti, flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova l-imsemmija proposti;

U billi f'dan il-Kont ta' Rivalutazzjoni hemm bilanċ ta' debitu ta' Lm14,185,924 (erbatax-il miljun, mija u ħamsa u tmenin elf, disa' mija u erbgħa u għoxrin Liri Maltin);

Il-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana jipproponi li l-Kamra tapprova lil perċentwali tal-profitti tal-Bank Ċentrali kull sena b'seħħ mis-sena 1986 għandhom jiġu utilizzati biex jagħmlu tajjeb għal dan id-debitu. Din il-perċentwali tiġi ffissata wara konsultazzjoni bejn il-Bank Ċentrali u l-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana u tiġi nnotata fl-Accounts tal-Bank Ċentrali.

08.05.1986